Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 30**

**Data:** Il-Ħamis, 27 ta' Ġunju 2024
**Ħin:** 17:30
**Post:** Binja Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Binja tal-Gvern l-Lokali, il-Marsa

**Preżenti:**
Is-Sur Mario Fava – President
Kav. Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru
H.E Clifford Galea Vella Maslennikov - Membru
Is-Sur Stephen Sultana – Membru
Is-Sur Charles Bonello – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Steven Axisa – Membru

**Skużati**
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Is-Sur Max Zammit – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**30.1 Ittri ta' apoloġiji**

30.1.1 Il-President semma li Dr. Samuel Azzopardi, H.E Clifford Galea Vella Maslennikov, Is-Sur Anthony Chircop u s-Sur Max Zammit talbu li jkunu skużati.

30.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi, l-Eżekuttiv approva unanimament li dawk mhux preżenti li jitniżżlu bħala skużati.

**30.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 29**

30.2.1 Il-President qara l-minuti u preżentahom hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

30.2.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**30.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 30**

30.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi u l-Kav. Paul Farrugia, ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn il-31 ta' Mejju 2024 u s-27 ta' Ġunju 2024 li kienet tammonta għal €73,199.79.

**30.4 Punti mill-Minuti Laqgħa Nu 28**

| | |
|---|---|
| **30.4.1 INDIS** | Il-President semma li saret laqgħa mal-Onor. Silvio Schembri sabiex tkompli tiġi diskussa din il-materja. |
| **30.4.2 Talba għall-Laqgħa mal-President ta' Malta** | Il-President semma li ntalbet laqgħa mal-President ta' Malta. |
| **30.4.3 Ftehim Kollettiv Ħaddiema Klerikali** | Il-President semma li tkomplew il-laqgħat tal-Ftehim Kollettiv peress li kien iffirmat il-ftehim kollettiv tal-ħaddiema klerikali fiċ-ċivil. Il-President semma li qed tiġi diskussa l-possibbilità li tidaħħal il-class allowance. Semma li dawn id-deċiżjonijiet iridu jkunu bbażati fuq statistika u anki fuq data miġbura. |
| **30.4.4 Ukrainian Summer Camp** | Il-President semma li għaddejjin taħdidiet mal-organizzatur mill-Kummissjoni Ewropea sabiex jipprovdulna possibbilitajiet ta' titjiriet. |

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **30.4.5 Laqgħa mal-Public Works** | Il-President semma li l-laqgħa mal-Onor. Omar Farrugia rigward it-tħaddim tal-ftehim li l-Kunsilli ffirmaw mal-Public Works kienet reġgħet ġiet skedata. |

**30.5 Komunikazzjoni mill-President**

| | |
|---|---|
| **30.5.1 Formola għall-Allokazzjoni Finanzjarja Kunsilli Lokali** | Il-President semma li kien hemm laqgħa mad-Diviżjoni rigward proċess li d-Diviżjoni għandu jibda sabiex tiġi riveduta l-formola tal-allokazzjoni finanzjarja għall-Kunsill Lokali u Reġjonali. |
| **30.5.2 Laqgħa mal-Ambaxxatur Malti għall-Albanija** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kellha l-ewwel laqgħa mal-Ambaxxatur Malti għall-Albanija. Il-President semma li ser ikunu qed ikomplu t-taħdidiet sabiex wieħed isib bażi ta' kooperazzjoni mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ġewwa l-Albanija. Semma wkoll li kien hemm laqgħa separata ma' rappreżentanta mill-Assoċjazzjoni tal-NGOs ġewwa l-Albanija. |
| **30.5.3 Civil Society Committee** | Il-President semma li kienet saret elezzjoni interna ta' Chairperson ta' Civil Society Committee fi ħdan l-MCESD. Semma li s-Sa. Norma Camilleri inħatret bħala chairperson tal-Kumitat. |
| **30.5.4 Toolkit – Children Participation** | Il-President semma li kien hemm it-tnedija ta' toolkit mill-Foundation for Social Wellbeing għall-parteċipazzjoni aħjar ta' tfal fil-komunità. Il-President semma li din ser tkun ukoll għodda siewja sabiex jibdew jiffunzjonaw il-Kunsilli Reġjonali tat-tfal. |
| **30.5.5 Ittri lill-Kandidati Kunsilli Lokali 2024** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni bagħtet ittra lil kull kandidat li kkontesta l-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali 2024. Semma li l-ittra ntbagħtet lill-kandidati kollha rrelevanti jekk kinux ġew eletti jew le. |
| **30.5.6 Focus Group – Kandidati mhux eletti** | Il-President semma li ser ikun qed jieħu f'kunsiderazzjoni li jissejħu focus groups matul is-sena għall-kandidati li ma ġewx eletti. Semma li din il-fora tkun waħda ta' diskussjoni fejn anki |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

minn fost il-kandidati potenzjalment ikun hemm min jista' jagħti kontribut f'inizjattivi u anki policies li jkunu jridu jsiru minn żmien għal żmien.
Semma wkoll li tajjeb li bħala Assoċjazzjoni jibdew jiġu ssetjati prijoritajiet li wieħed irrid jaħdem fuqhom u kif ukoll tinfetaħ diskussjoni ma' kull stakeholder.

| | |
|---|---|
| **30.5.7 Coaching** | Il-President semma li ser inkunu qed naraw kif jista' jiġi introdott coaching lill-Membri Eletti. Spjega li wieħed jista' jibda mis-Sindki u anki jara l-andament ta' dan il-kunċett. |
| **30.5.8 Civil Society Committee** | Il-President li kien reġa' innomina lis-Sur Anthony Chircop bħala sostitut tiegħu fuq dan il-Kumitat. |
| **30.5.9 Melodija – Attività AKL** | Il-President semma li l-preparamenti kienu għaddejjin. Semma li s-servizz kienu kollha ġew ikkonfermati. |
| **30.5.10 BBQs Reġjuni** | Il-President semma li l-BBQs mar-Reġjuni kienu ser jibdew mill-ewwel ġimgħa ta' Lulju. |
| **30.5.11 Lift fil-Binja tal-Assoċjazzjoni** | Il-President semma li l-pjanti kienu tlestew, kien ser jittieħed l-aħħar kejl kif ukoll jibda jitfassal tender mill-Perit u l-Enġinier. |
| **30.5.12 Sejħiet għall-offerti** | Il-President semma li kien ser joħroġ it-tender tal-insurance, tal-kiri tal-vetturi elettriċi kf ukoll tender għall-survey fuq l-aspettattivi tar-residenti lejn il-Kunsilli Lokali. |
| **30.5.13 Konferenza Richmond Foundation u CRPD** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni attendiet għal konferenza Nurturing Well-being organizzata minn Richmond Foundation u CRPD. |
| **30.5.14 Smart Communities Network** | Il-President semma li komplew it-taħdidiet mal-Kummissjoni Ewropea u anki mar-rappreżentanti li qed jieħdu ħsieb il-proġett dan sabiex l-Assoċjazzjoni tkompli taħdem fuq dan il-proġett sabiex il-Kunsilli Lokali u Reġjonali jkunu jistgħu jibbenifikaw minn dan il-proġett. |
| **30.5.15 FOCUS project - ALDA** | L-Assoċjazzjoni applikat sabiex tipparteċipa f'dan il-proġett li ser ikun qed jagħti taħriġ kif ukoll għajnuna fuq policies u inizjattivi li jitrattaw l-imigrazzjoni u l-inklużjoni soċjali. Semma |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| | li huwa proġett iffinanzjat mill-fond Ewropew CERV u mmexxi mill-ALDA. |
| **30.5.16 CEMR Expert Group – Migration** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni uriet l-interess sabiex tipparteċipa u tkun parti mill-Focus Group organizzat minn CEMR rigward l-imigrazzjoni. |
| **30.5.7 MCAST Seminar** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni attendiet għall-seminar organizzat mill-MCAST, Stream Project Seminar. |
| **30.5.8 Twin Procurement toolbox** | Il-President semma wkoll li l-Assoċjazzjoni intgħażlet sabiex tipparteċipa fil-proġett li jitratta l-akkwist sostenibbli. |
| **30.5.9 CoR Mandat 2025 – 2029** | Il-President semma li l-mandat tal-Membri tal-Kumitat tar-Reġjuni jiskadi f'Marzu tas-sena 2025. Semma li kienet intbagħtet komunikazzjoni li importanti li d-delegazzjonijiet jirrispettaw il-kwota tal-Ġeneru. Semma li minkejja dan din għadha mhux obbligatorja. |
| **30.5.10 Proġetti Ewropej** | Il-President semma li b'kollaborazzjoni mal-ALL Digital u anki wara li l-Assoċjazzjoni attendiet għal Laqgħa Annwali tal-ALL Digital, ser inkunu qed nipparteċipaw fi tliet proġetti oħra. |
| **30.5.11 ECAD** | Il-President semma li ser ikun hemm il-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-ECAD li għal din is-sena ser tinżamm online. |
| **30.5.12 Platforma Meeting** | Il-President semma li ġewwa Brussell kienu attendew ukoll għal-laqgħa tal-Platforma u kienu anki saru taħdidiet ma' CLGF sabiex l-Assoċjazzjoni tipparteċipa fi studju mmexxi minnhom. |
| **30.5.13 CRPD Multiplier Event** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni attendiet ukoll għall-inizjattiva organizzata mis-CRPD li kienet titratta t-transizzjoni ta' persuni b'diżabbilità intellettwali għall-għajxien ta' ħajja indipendenti. |

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **30.5.14 ALL Digital Summit** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tattendi għal ALL Digital Summit li ser jinżamm ġewwa Madrid. Semma li l-Assoċjazzjoni applikat ukoll sabiex ikollha stand. |
| **30.5.15 MIEMA** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni issottomettiet applikazzjoni konġunata mal-MIEMA fil-proġett Interreg Next Med. |
| **30.5.16 DYPALL Network** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni uriet l-intress li tissieħeb fi DYPALL Network. Semma li dan ikun ta' benefiċċju għall-ħidma maż-żgħażagħ u l-involviment taż-żgħażagħ fil-ħajja politika. |
| **30.5.17 Interreg Italia – Malta** | Il-President semma li bħala parti mill-Board ta' Interreg Italia – Malta, l-Assoċjazzjoni intalbet sabiex tattendi għal-laqgħat li ser issiru rigward l-evalwazzjonijiet tal-proposti li ġew sottomessi minn entitajiet diversi fosthom minn Kunsilli Lokali. Għaldaqstant, l-Assoċjazzjoni talbet tikkjarifika li m'hemmx kunflitt t'interess sabiex tkun parteċipi fl-evalwazzjoni. |
| **30.5.18 You Matter** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed torganizza t-tieni workshop nhar 28 ta' Settembru 2024. Semma li l-iskop huwa li jkompli jingħata għarfien dwar is-servizz li l-Assoċjazzjoni qed toffri dwar is-saħħa mentali, semma wkoll li matul dan il-workshop ser jiġi wkoll trattat is-suġġett tal-coaching. |
| **30.5.19 Live-in.eu** | Il-President semma li mil-laqgħat li saru ġewwa Brussell, l-Assoċjazzjoni intalbet sabiex tingħaqad ukoll ma' Network Live-in.eu. Semma li dan ser ikunu ukoll il-possibbilità li diversi Kunsilliera u anki ħaddiema jingħataw għodod u anki taħriġ fuq suġġetti relevanti fis-settur. Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tiffirma dan il-ftehim simboliku waqt sessjoni ddedikata waqt l-Open Week ġewwa Brussell. |
| **30.5.20 ICLEI** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet mistiedna mill-ICLEI sabiex ġewwa d-Danimarka titmexxa diskussjoni rigward komunitajiet sostenibbli. Il-President semma li ser ikunu qed jingħabru xi kwotazzjonijiet għall-ivjaġġar imma għadu mhux deċiż jekk l-Assoċjazzjoni hux ser tattendi. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**30.5.21 FHRD**

Il-President semma li s-Segretarju Eżekuttiv ser tkun qed tissottometti l-eżami finali sabiex ikun hemm akreditazzjoni mill-FHRD bħala HR Professional. B'hekk l-Assoċjazzjoni tkun tista' tiggarantixxi aktar sapport ta' kwalità fejn jidħlu r-riżorsi umani.

**30.5.22 AICCRE Italia**

Il-President semma li komplew id-diskussjonijiet anki ġewwa Brussell sabiex titkompla l-kollaborazzjoni mhux biss ma AICCRE Lombardia imma wkoll ma' AICCRE Italia. Il-President informa li ser ikun hemm laqgħa online fil-ġimgħat li ġejjin.

**30.5.23 Open Call for Funding Polirural Plus**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ġiet avviċinata sabiex tidaħħal sejħa t'interess taħt il-fond Polirural Plus. L-iskop huwa li dan il-fond jgħin lil National Contact Point li tqassam informazzjoni u tati għajnuna lill-għaqdiet, Kunsilli u NGOs ikkonċernati. Dan il-proġett jitratta l-inovazzjoni diġitali f'komunitajiet rurali.

**30.5.24 Laqgħat Statutorji Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**

Il-President semma li wasal iż-żmien li l-Assoċjazzjoni terġa' tibda tħejji l-laqgħa tas-Sindki biss. Kien ukoll propost li l-Assoċjazzjoni żżomm ukoll laqgħa tal-Viċi Sindki u anki Minority Leaders. Semma li dawn il-laqgħat huma importanti ferm sabiex Membri Eletti f'pożizzjonijiet differenti jkunu jistgħu jaqsmu flimkien sfidi li huma qed isibu u wieħed ukoll isib soluzzjonijiet.

Is-Sur Charles Bonello semma li hija wkoll idea tajba li dawk li ma ġewx eletti naraw kif inżommuhom on board anki billi nistiednuhom għal-laqgħat iddedikati għalihom fejn jingħataw l-opportunità li jibqgħu jikkollaboraw flimkien għall-ġid tal-Gvern Lokali.

Kien hemm qbil li minkejja li l-Assoċjazzjoni matul is-snin involviet lis-Segretarji Eżekuttivi u anki ħaddiema f'dawn il-laqgħat, issa tinħass il-ħtieġa li għal ċerti laqgħat Plenarji u statutorji jattendu biss Membri Eletti. Semmew li dan għandu jkun spazju li jingħata lill-Elett sabiex liberament ikun jista' jaqsam mal-kumplament l-isfidi ta' tmexxija tal-Kunsill. Is-Sur Charles Bonello semma li wasal iż-żmien li jerġa' jkun hemm laqgħat tas-Sindki għas-Sindki u anki Viċi Sindki biss.

Il-President semma li ser ikunu qed jiġu organizzati laqgħat għad-dekasteri kif ukoll laqgħat oħra ta' taħriġ għall-Membri Eletti.

**Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**
Local Councils' Association Malta

**A:** Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

**T:** 00356 2596 8000
**E:** lca@lca.org.mt
**www.lca.org.mt**

| | |
|---|---|
| **30.5.25 Invoices mill-Wasteserv** | Il-President semma li kienet għaddejja komunikazzjoni mad-Diviżjoni minħabba numru ta' fatturi li l-Wasteserv ħarġu lill-Kunsilli Reġjonali ta' recycling rejects li saru fis-sena 2023. Semma li dawn il-fatturi bejn ir-Reġjuni kollha jammontaw għall-madwar €500,000.<br>Is-Sur Sandro Azzopardi semma li bħala Reġjun Punent huma ser ikunu qed jikkontestaw dawn il-fatturi, il-Presidenti l-oħrajn qablu. Is-Sur Aquilina semma li r-Reġjun Nifsinhar diġà ħareġ re-charge ta' dawn l-invoices fuq il-Kunsilli imma kien hemm ftehim li dawn m'għandhomx jitħalsu għalissa. |

**30.6 Aġġornament**

30.6.1 Il-Laqgħa aġġornat fit-tmienja ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar it-Tlieta, 25 ta' Lulju 2024 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.31 li nżammet nhar it-Tlieta, 25 ta' Lulju 2024 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**Mario Fava**
**President**

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**